MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2406/2003

**Public Broadcasting Services Limited**

**Vs**

**Paul Laurence Attard fil-kwalita' tieghu ta' Food & Beverage Manager ta' Sol Suncrest Hotel u b'digriet tal-5 t'April, 2004 giet kjamata in kawza s-socjeta' Suncrest Hotels Plc**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm345.95c (tlett mija u hamsa w erbghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) rapprezentanti diversi servizzi ta' reklamar.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota li giet ipprezentata fl-1 ta' Gunju, 2004 li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet l-atti tat-talba izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Veronica Aquilina li kkonfermat li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici koncernanti l-kap ta' l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut u s-socjeta' kjamata fil-kawza jhallsu l-ispejjez tal-kawza in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------